MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 21/2012

**Philip Naudi**

**vs**

**L-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Simon Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Philip Naudi tas-27 ta’ Marzu 2012 kontra d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tas-16 ta’ Marzu 2012 fejn il-Bord iddecieda illi jichad l-eccezzjoni preliminari tal-kjamat in kawza Simon Fenech li l-appel sar fuori termine u cahad l-appell ta’ Philip Naudi li hu thrid party objector li talab li jigi revokat il-permess ta’ zvilupp mahrug favur Simon Fenech PA 7220/05;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li eccepiet preliminarjament li third party objector ma jistax jappella u illi l-appell kellu jigi

michud billi s-sentezna tal-Brod kienet gustifkata u skond il-ligi;

Rat li Simon Fenech ma rrispondiex ghall-appell. Il-Qorti tirrileva li kien hemm xi dizgwid fuq in-notifika ta’ Simon Fenech billi ghalkemm l-applikazzjoni saret minn Simon Fenech pero meta l-marixxal mar jaghmel in-notika r-riferta tindika li Simond Fenech qallu li l-isem kellu jkun Carmelo mhux Simon u accetta n-notifika, pero meta l-marixxal xehed quddiem il-Qorti qal li n-notifika tal-appell saret lil Simon Fenech li kkonfermalu li kien jismu Simon izda fuq l-I.D. card tieghu kellu mnizzel Carmelo. Jidher li dan mhux zball tal-persuna izda zball dwar kif inhu maghruf l-applikant lib l-ebda mod ma taghmel xi impatt avers jew negattiv fuq il-vertenza jew l-appell;

Rat l-atti kollha u semghet id-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tal-Bord li tghid hekk:
Ikkunsidra:

L-ewwel li sejjer jikkunsidra huwa l-punt jekk l-appell giex ipprezenatat tardivament. Mix-xhieda prodotta ma jirrizultax illi dan hu minnu. Ghalhekk din l-eccezzjoni sollevata mill-applikant qed tigi michuda.

Fil-meritu dan il-Bord qies bir-reqqa l-appell dettaljat u twil ipprezenatat mill-appellant. L-appellant ma jitrattax dwar dak li l-Awtorita ssottomettiet fir-risposta taghha u cioe: illi waqt il-process tal-pjan lokali tal-lokalita ta' tas-Sliema, il-parti tat-triq fejn jinsab is-sit in kwistjoni ma baqax f'Area ta' Konservazzjoni Urbana, u li il-height limitation gholiet ghal hames sulari. Dawn huma l-aktar punti krucjali u rilevanti. L-izvilupp kif approvat huwa skond dawn il-kunsiderazzjonijiet u ghalhekk il-Kummissjoni kellha ragun li approvat l-izvilupp in kwistjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet dan il-Bord jichad l-eccezzjoni li l-appell sar fuori termine sollevata mill-applikant u jiddikjara li l-appell sar fiz-zmien stabbilit mill-ligi, u jichad l-appell tal-appellant u jikkonferma il-permess.

**Ikkunsidrat**

**Eccezzjoni tal-Awtorita li third party objector ma jistax jappella**

Din hi kwistjoni li gia giet kunsidrata mill-Qorti f'appelli ohra. Il-pozizzjoi legali fil-fehma tal-Qorti hi kif gej. Jirrizulta illi l-appellant kien registered objector quddiem l-Awtorita kif jidher mill-atti tal-Bord (ara fol. 172 tal-process). Hu appella mid-decizjoni tal-Bord (ara fol. 97 tal-process).

Bhala registered objector japplika dak li jipprovdi l-artikolu 41(6) tal-Kap. 504 li jitkellem dwar appell li jsir mill-appellant jew minn kulll parti ohra fl-appell. Dan is-subartikolu qed jirreferi ghall-appelli li jsiru quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) minn decizjonijiet quddiem il-Bord tal-Appell jew kif inhu maghruf illum it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Il-ligi titkellem dwar partijiet fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Appel jew Tribunal.

Il-fatt li third party objector hu persuna interessata fil-proceduri, ma jfissirx b'daqshekk li awtomatikament jitqies bhala parti ghal finijiet tal-artikolu 41(6) tal-Kap. 504.

Il-Qorti tirreferi ghas-segwenti artikoli fil-Kap. 504:
L-artikolu 68(4) tal-Kap. 504 ighid hekk:
Kull persuna tista' tiddikjara interess f'xi żvilupp u, abbażi ta' raġunijiet li jkunu rilevanti għall-ippjanar, tagħmel ilmenti dwar dak l-iżvilupp. Dik id-dikjarazzjoni ta' interess flimkien mal-ilmenti għandha ssir bil-miktub u tasal għand l-Awtorità fiż-żmien kif stabbilit mill-Awtorità.

L-artikolu 41(1)(c)(i) tal-Kap. 504 ighid hekk:
dak l-appell [cioe quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni – kliem mizjud mill-Qorti] jista' jsir biss minn terza persuna interessata li tkun għamlet xi kummenti bil-miktub skont l-artikolu 68(4) meta tiġi pubblikata l-applikazzjoni għall-għemil ta' żvilupp,

Il-paragrafu 7 tat- Tieni Skeda tal-Kap. 504 ighid hekk:

Jekk l-appellant jew l-Awtorità ma jaqblux ma' xi punt ta' liġi deċiż mit-Tribunal, huma jistgħu jappellaw lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) b'rikors ippreżentat kif provdut fl-artikolu 41

Il-paragrafu 11 tat- Tieni Skeda tal-Kap. 504 ighid hekk:
Terza persuna li tkun reġistrata skont l-artikolu 68(4) ta' dan l-Att għandha tiġi infurmata mit-Tribunal li jkun ġie ppreżentat appell u din tista' titlob lis-Segretarju tat-Tribunal sabiex jirreġistraha bħala terza persuna interessata f'dak lappell. Tali persuna għandu jkollha d-dritt li tindirizza lit-Tribunal u tista' tkun mitluba mill-Awtorità jew mill-Kummissjoni sabiex tagħti x-xhieda fil-proċedimenti ta' appell rigward l-imsemmi appell. Sakemm it-Tribunal ma jiddeċidix mod ieħor, tali persuna tista' tkun preżenti matul is-seduti tat-Tribunal. Tali persuna ma tkunx tista' tattendi fuq il-post meta t-Tribunal jidħol fuq il-proprjetà tal-appellant jekk l-appellant joġġezzjona għall-preżenza ta' tali persuna fil-proprjetà tiegħu. Tali persuna għandu jkollha d-dritt li tingħata kopja tad-deċiżjoni tat-Tribunal fir-rigward ta' dawk il-proċedimenti ta' appell li għalihom ikunu ġew reġistrati mis-Segretarju tat-Tribunal bħala terzi persuni interessati. Tali persuna ma tistax tagħmel appell
minn deċiżjoni tat-Tribunal quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).

Dawn l-artikoli tal-ligi juru illi registered objector li jkun appellant quddiem il-Bord tal-Appell illum Tribunal ta' Revizjoni ghandu dritt jappella quddiem din il-Qorti fuq punti ta' ligi. Hekk gara f'dan il-kaz.

Ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Aggravju tal-appellant**

L-aggravju tal-appellant hu essenzjalment in-nullita tad-decizjoni tal-Bord tal-Appell billi dan iddecieda fuq il-mertu tal-appell mentri d-decizjoni kellha tkun limitata biss fuq l-eccezzjoni ulterjuri tal-applikant Simon Fenech, li ghalkemm ma tidhirx fl-atti, izda hu pacifiku illi kienet dwar l-inamissibilita tal-appell quddiem il-Qorti billi sar

tardivament. Dan jirrizulta car mis-seduta tal-Bord tas-16 ta’ Jannar 2008 (fol. 60 tal-process) liema verbal jikkontjeni verbal car tal-istess Bord illi l-appell kien qed jigi differit ghal provi kollha tal-applikant dwar l-eccezzjoni preliminari.

Segwew diversi seduti fejn ingiebet xiehda relatata esklussivament dwar din il-kwistjoni. Din ix-xhieda kienet intiza principalment biex jigi stabbilit meta l-appellant irceva d-decizjoni tal-Bord li minnha appella quddiem din il-Qorti u kif sisir in-notifika. Fis-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2009 wara xiehda wkoll relatata mal-eccezzjoni tat-tardivita tal-appell, il-Bord iddiferixxa l-appell ghad-decizjoni wara li l-Bord staqsa esplicitament lil applicant kienx ghadu jinsisti fuq din l-eccezzjoni.

Id-decizjoni nghatat fis-16 ta’ Marzu 2012 cioe aktar minn sentejn wara u dan id-decizjoni kienet tinkorpora fiha decizjoni fuq l-eccezzjoni u anki fuq il-mertu.

L-aggravju tal-appellant hu car u ghandu jigi milqugh. Fl-ebda staju fl-atti ma saru provi dwar il-mertu. Il-fatt li l-Bord jalludi ghal appell dettaljat ma jfissirx b’daqshekk li l-mertu gie trattat. Il-provi kollha li saru kienu rigward l-eccezzjoni tat-tardivita u l-ewwel verbal fuq din il-kwistjoni kien li kellhom jingabru l-provi fuq l-eccezzjoni tat-tardivita.

Hu minnu illi l-ahhar verbal ma jaghmilx distinzjoni bejn l-eccezzjoni tat-tardivita u l-mertu meta l-Bord iddiferixxa l-vertenza ghas-sentenza izda gustizzja mhux biss trid issir izda trid tidher b’mod car li qed issir. Kien car mill-atti li l-Bord kien qed jinvestiga din l-eccezzjoni tal-applikant dwar it-tardivita u fl-ebda stadju ma wera li jrid jisma’ l-provi fil-mertu jew li ttellghu xi provi fil-mertu jew sar xi verbal dwar il-mertu. Kwindi l-Bord qatt ma seta’ jiddeciedi fuq il-mertu minghajr ma javza lil partijiet lil kien ser jaghmel hekk. Il-verbali huma r-rifless ta’ dak miftiehem jew ordnat u hu kompitu tal-gudikant lli jirregola l-proceduri  b’mod li l-verbali jindikaw b’mod car t-triq li qed jew ser tieghu l-vertenza. F’dan il-kaz il-verbali fl-ebda hin ma indikaw li ser tinghata decizjoni fuq il-mertu izda kollox kien jindika li l-provi kienu qed jingabru biss fuq l-

eccezzjoni tat-tardivita u kwindi d-decizjoni kienet ser tmiss din l-eccezzjoni. Fin-nuqqas ta’ kjarezza jew jekk il-Bord dehrlu li ried jiddeciedi l-kwistjonijiet kollha, kellu jindikaha b’mod car u jaghti l-partijiet l-opportunita li jressqu l-provi kollha u l-argumenti in sostenn tat-tezi taghhom. F’dan il-kaz il-Bord ipprezuma dak li ma kienx rifless fil-verbali tieghu stess u l-mod li rregola l-proceduri u d-decizjoni fuq il-mertu kienet intempestiva u kwindi lesiv tad-dritt li l-partijiet jressqu l-provi taghhom.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-Awtorita li third party objector ma jistax jappella, tilqa’ l-appell ta’ Philip Naudi u tannulla d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tas-16 ta’ Marzu 2012 u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar biex jerga’ jisma’ l-appell skond il-ligi. L-ispejjez jithallsu mill-Awtorita.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------